

**Brussell, 2 ta' Lulju 2019
(OR. en)**

10171/19

**ECOFIN 626
UEM 229
SOC 478
EMPL 367
COMPET 507
ENV 598
EDUC 313
RECH 346
ENER 350
JAI 708
FSTR 129
REGIO 165**

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	9943/19 - COM(2019) 518 final
Suġġett:	Rakkomandazzjoni għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2019 ta' Malta u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2019 ta' Malta

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill imsemmi hawn fuq, kif rivedut u maqbul minn diversi kumitati tal-Kunsill, abbażi tal-Proposta tal-Kummissjoni COM(2019) 518 final.

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

**dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2019 ta' Malta u li tagħti opinjoni tal-Kunsill
dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2019 ta' Malta**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

¹ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

Billi:

- (1) Fil-21 ta' Novembru 2018, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew biex tiġi kkoordinata l-politika ekonomika għall-2019. Qieset kif dovut il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, kif ipproklammat mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fil-21 ta' Marzu 2019. Fil-21 ta' Novembru 2018, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill², il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija ma identifikatx lil Malta bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, li ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fil-21 ta' Marzu 2019. Fid-9 ta' April 2019, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro³ (' Rakkomandazzjoni tal-2019 għaż-żona tal-euro'), li tistabbilixxi ħames rakkomandazzjonijiet għaż-żona tal-euro ('ir-rakkomandazzjonijiet għaż-żona tal-euro').
- (2) Bħala Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro, u minħabba r-rabtiet mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-unjoni ekonomika u monetarja, Malta jenħtieġ li tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tar-Rakkomandazzjoni tal-2019 għaż-żona tal-euro kif muri fir-rakkomandazzjonijiet (2) u (3) hawn isfel. B'mod partikolari, l-iffukar tal-politika ekonomika relatata mal-investment fuq oqsma u miżuri tat-taxxa speċifikati ser jgħin biex tiġi indirizzata t-tieni rakkomandazzjoni taż-żona tal-euro fir-rigward tal-appoġġ għall-investment u l-għlieda kontra l-ippjanar aggressiv tat-taxxa.
- (3) Ir-rapport tal-pajjiż għall-2019 ta' Malta ġie ppubblikat fis-27 ta' Frar 2019. Ġie vvalutat il-progress li għamlet Malta biex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fit-13 ta' Lulju 2018⁴, is-segwitu li ngħataw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fis-snin preċedenti u l-progress ta' Malta biex tilħaq il-miri nazzjonali tagħha tal-Ewropa 2020.

² Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25).

³ ĠU C 136, 12.4.2019, p. 1.

⁴ ĠU C 320, 10.9.2018, p. 76.

- (4) Malta ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha tal-2019 fis-16 ta' April 2019 u l-Programm ta' Stabbiltà tagħha tal-2019 fit-30 ta' April 2019. Sabiex jitqiesu r-rabtiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess waqt.
- (5) Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi rilevanti għall-pajjiż ġew indirizzati waqt l-ipprogrammar tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ("Fondi SIE") għall-perjodu 2014-2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵, fejn ikun meħtieġ li jingħata sostenn għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina l-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi rilevanti tiegħu u jipproponi emendi għalihom. Il-Kummissjoni pprovdiet iktar dettalji dwar kif tista' tagħmel użu minn din id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika tajba.

⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

(6) Malta bħalissa tinsab fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fil-programm ta' Stabbiltà tagħha għall-2019, il-gvern qed jippjana tnaqqis fis-surplus nominali, minn 2 % tal-prodott domestiku gross (PDG) fl-2018 għal 0,9 % tal-PDG fl-2019, segwit minn żieda marġinali ta' 1,0 % tal-PDG fl-2020 li jkompli għal 1,1 % tal-PDG fl-2021 u fl-2022. Fuq il-bażi tal-bilanċ strutturali kkalkulat mill-ġdid⁶, l-objettiv baġitarju ta' terminu medju — baġit li f'termini strutturali jkun ibbilanċjat — għadu qed jiġi ssuperat matul il-perjodu tal-programm. Skont il-Programm ta' Stabbiltà, il-proporzjon tad-dejn tal-gvern mal-PDG huwa mistenni li jibqa' taħt il-valur referenzjarju tat-Trattat ta' 60 % tal-PDG, u mistenni jonqos gradwalment minn 46 % tal-PDG fl-2018 għal madwar 33 % fl-2022. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed dawn il-projezzjonijiet baġitarji huwa plawsibbli. Fuq il-bażi tat-tbassir tar-rebbiegħa għall-2019 tal-Kummissjoni, il-bilanċ strutturali huwa previst li jirreġistra surplus ta' 0,6 % tal-PDG fl-2019 u ta' 0,8 % tal-PDG fl-2020, aktar mill-objettiv baġitarju fuq terminu medju. B'mod ġenerali, il-Kunsill hu tal-opinjoni li Malta hija mistennija li tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fl-2019 u fl-2020. Fl-istess ħin, l-iżviluppi fin-nefqa jenħtieġ li jiġu mmonitorjati bir-reqqa fuq terminu ta' żmien qasir kif ukoll medju, speċjalment minħabba r-riskji futuri possibbli marbutin mas-saħħa tad-dħul.

⁶ Il-bilanċ aġġustat b'mod ċikliku nett għall-miżuri ta' darba u temporanji, kif ikkalkulat mill-ġdid mill-Kummissjoni bl-użu tal-metodoloġija miftiehma b'mod komuni.

- (7) Iż-żieda fin-nefqa marbuta mal-età tirrappreżenta riskju għas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi fuq terminu twil. In-nefqa pubblika relatata mal-età fis-sistemi tal-pensjonijiet u tal-kura tas-saħħa hija mistennija li tiżdied b'mod sinifikanti meta mqabbla ma' Stati Membri oħra, u dan jindika riskju fiż-żieda fid-dejn fuq terminu twil. Diversi miżuri għandhom l-għan li jagħmlu l-pensjonijiet aktar adegwati, anke billi jiġu msaħħa l-inċentivi għat-tfaddil għall-pensjonijiet privati u għall-pensjonijiet volontarji tal-irtirar mix-xogħol. L-isforzi li għaddejjin għenu biex tiżdied il-provvista tax-xogħol u biex il-ħajja tax-xogħol titwal, b'impatt pożittiv fuq ir-rati tal-impjiegi tan-nisa u tal-ħaddiema akbar fl-età. Fl-2018, il-gvern għamel aġġustamenti biex jinkludi kontribuzzjonijiet li jkunu saru wara l-età tal-pensjoni u ppermetta lil persuni li jaħdmu għal rashom u lill-pensjonanti taħt il-65 sena li jaħdmu part-time biex iħallsu kontribuzzjonijiet li jkunu proporzjonati mal-pagi tagħhom, biex b'hekk jippromwovu ħajjiet tax-xogħol itwal. Madankollu, l-età statutorja tal-irtirar, li gradwalment qed tiżdied mil-livell attwali ta' 63 sena għal 65 sena, hija mistennija li tibqa' l-istess wara l-2027, minkejja li huwa mistenni li l-istennija tal-għomor se tkompli tiżdied. Il-Grupp ta' Strateġija għall-Pensjonijiet imwaqqaf fl-2018 huwa mistenni li jipubblika rapport sa Diċembru 2020, li jiddeskrivi r-rakkomandazzjonijiet sabiex is-sostenibbiltà u l-adeqwatezza tas-sistema tal-pensjonijiet titjieb. Fir-rigward tal-kura tas-saħħa, bħalissa għaddejjin miżuri biex jiġu deċentralizzati s-servizzi, mill-isptarijiet sal-kura tas-saħħa primarja, u biex fuq terminu twil jitjieb l-għoti tas-servizzi tal-kura tas-saħħa. Il-pjanijiet attwali biex tiġi estiża l-kapaċità tal-kura tal-outpatients fl-isptarijiet pubbliċi jistgħu jgħinu biex jiġu indirizzati l-ħinijiet twal ta' stennija għal ċerti oqsma ta' speċjalizzazzjoni. Madankollu, sa issa ma ntużawx għal kollox miżuri oħra biex jitnaqqsu r-riferimenti bla bżonn għal għand speċjalisti u biex l-użu mhux xieraq tal-kura fid-dipartiment ta' emerġenza jiġi ttrasferit għal dak tal-kura tal-outpatients, u b'hekk dan qed iżomm milli jsir titjib fl-effiċjenza tas-sistema. Kunċett ġdid għaċ-ċentri tal-kura primarja tas-saħħa kif ukoll investimenti sabiex gradwalment jiġi estiż l-użu tas-servizzi elettroniki fil-qasam tas-saħħa (eHealth), bl-għan li s-servizzi jiġu deċentralizzati mill-isptarijiet għal-livell ta' kura primarja tas-saħħa. Biex tiġi riflessa d-domanda li dejjem qed tikber għall-kura fuq terminu twil, ġew introdotti fl-2017-2018 tipi ġodda ta' servizzi ta' kura fil-komunità u fid-djar. Minkejja l-potenzjal tagħhom, l-impatt tal-miżuri fil-qasam tal-pensjonijiet u tal-kura tas-saħħa dwar is-sostenibbiltà fiskali għad trid isseħħ.

- (8) Fl-aħħar deċennju, Malta esperjenzat bidla qawwija lejn is-settur tas-servizzi, b'enfasi qawwija fuq oqsma orjentati internazzjonalment bħas-servizzi finanzjarji, it-turiżmu u r-remote gaming. L-espansjoni tas-settur tas-servizzi kkontribwiet għat- tkabbir ekonomiku u biex jittkattar bilanċ favorevoli kbir fil-kont kurrenti. Fl-istess waqt, id-dipendenza dejjem akbar fuq setturi li huma meqjusa vulnerabbli għall-integrità finanzjarja toħloq sfidi għall-qafas ta' governanza, u b'hekk titqiegħed pressjoni fuq il-kapaċità ta' superviżjoni u ta' infurzar. B'mod partikolari, id-daqs tas-settur finanzjarju u dak tal-gaming u l-isforzi biex jiġu attirati operaturi tal-kriptovaluti jeħtieġu infurzar effettiv kontra l-ħasil tal-flus. Iż-żieda reċenti fir-riżorsi umani u baġitarji tal-Unità ta' Analiżi tal-Intelligence Finanzjarja flimkien mat-tiżni tal-proċeduri u tal-proċessi tagħha huma passi pożittivi. Nuqqasijiet fil-governanza, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni, jistgħu jkunu detrimental għall-klima tal-kummerċ u jaffettwa l-investiment b'mod negattiv. B'mod partikolari, hemm riskju ta' kunflitt ta' interess f'diversi livelli tal-gvern. Barra minn hekk, bħalissa l-Iskwadra kontra Reati Ekonomiċi, tal-Pulizija, hija nieqsa mill-persunal. F'dan il-kuntest, huwa importanti li qafas leġislativ imsaħħa jimxi id f'id ma' implimentazzjoni f'waqtha u bir-reqqa. It-titjib fil-qafas ta' governanza u l-iżgurar ta' implimentazzjoni effettiva huma l-element prinċipali biex tiġi ppreservata l-attraenza ta' Malta u biex l-ekonomija tiġi protetta minn riskji għar-reputazzjoni tagħha.
- (9) Is-settur tal-assigurazzjoni huwa espost għal riskji ta' superviżjoni passiva, fejn il-kooperazzjoni bejn is-superviżuri domestiċi u esterni hija essenzjali. B'kuntrast mas-settur bankarju, is-superviżjoni tas-sussidjarji fis-settur tal-assigurazzjoni huma soġġetti għas-superviżjoni domestika, jiġifieri l-kumpaniji tal-assigurazzjoni rreġistrati f'Malta u li jipprovdu assicurazzjoni f'pajjiżi oħra huma taħt is-superviżjoni diretta tar-regolatur Malti. Madankollu, il-kapaċità superviżorja sa issa għadha ma ġietx imsaħħa biżżejjed. Barra minn hekk, il-kumplessità tal-mudelli tan-negozju tal-assigurazzjoni kif ukoll il-prodotti, flimkien maż-żieda fid-domanda għall-istabbiliment u l-espansjoni ta' mekkaniżmi speċjalizzati tal-assigurazzjoni jeħtieġu superviżjoni stretta.

- (10) Ir-riformi li għandhom l-għan li jtejbu l-indipendenza tal-ġudikatura u tas-sistema tal-ġustizzja għandhom għaddejjin. Dawn jinkludu, b'mod partikolari, it-twaqqif ta' servizz ta' prosekuzzjoni ġdid, indipendenti mill-Avukat Ġenerali u mill-pulizija, kif irrakkomandat ukoll mill-Kummissjoni għad-Demokrazija tal-Kunsill tal-Ewropa permezz tad-Dritt (il-Kummissjoni ta' Venezja), f'opinjonijiet dwar Malta, adottata f'Diċembru 2018. Barra minn hekk, qafas imsaħħaħ ta' governanza, inkluż l-infurzar effettiv ġudizzjarju u ta' kontra l-korruzzjoni, huwa prerekwiżit biex jinkisbu l-benefiċċji sħaħ tal-investment.
- (11) Il-proporzjon tal-intrapriżi innovattivi għadu lura. Il-prestazzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni jenħtieġ li tissaħħaħ permezz tal-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti sabiex din tkun tista' tikkontribwixxi għat-tkabbir fil-produttività. Malta għadha ma fformulatx strateġija tal-kompetittività koerenti, komprensiva u fit-tul biex l-ekonomija domestika tavvanza fil-katina tal-valur. Minħabba l-ispeċjalizzazzjoni ta' Malta f'servizzi li qed jikbru malajr u l-aspirazzjonijiet tagħha rigward it-teknoloġija tal-blockchain, huwa ferm importanti li jsir aktar investment fil-kapaċità amministrattiva u superviżorja. Barra minn hekk, iż-żieda fil-prestazzjoni tal-innovazzjoni ta' Malta se teħtieġ aktar investment f'assi intanġibbli, inkluż fir-riċerka u fl-iżvilupp (R&Ż), biex jiġu indirizzati d-defiċits u l-lakuni fil-ħiliet, u biex jiġu ffaċilitati r-rabtiet bejn ix-xjenza u n-negozju, kollha b'governanza aktar effettiva tas-sistema tar-riċerka u l-innovazzjoni.

- (12) Malta teħtieġ li tippromwovi l-bidla lejn ekonomija aktar sostenibbli u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, pereżempju billi tinvesti fil-potenzjal mhux sfruttat għall-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli, fiċ-ċiklu tal-ġestjoni tal-ilma, fil-ġestjoni tal-iskart, u tindirizza l-emissjonijiet li dejjem qed jiżdiedu mill-air conditioning, l-azzjoni klimatika u l-mobbiltà sostenibbli, li ser ikun fiha emissjonijiet mit-trasport bit-triq. Minħabba alternattivi limitati fit-trasport u fl-ivvjaġġar kif ukoll il-propagazzjoni għolja tal-karozzi, il-konġestjoni fit-toroq hija waħda mill-aspetti l-aktar dgħajfin tal-ambjent kummerċjali ta' Malta, u għadha sfida kbira. Barra minn hekk, l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mit-trasport bit-triq f'dawn l-aħħar ħames snin żdiedu. Barra minn hekk, l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mit-trasport bit-triq żdiedu matul dawn l-aħħar 5 snin. Is-sehem ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fit-taħlita enerġetika żdied għal 7,2 % fl-2017, f'it aktar mil-livell tal-perkors indikattiv ta' 6,5 % għall-2017/2018. Madankollu, il-konsum aħħari tal-enerġija f'Malta qed jiżdied kontinwament. Aktar investimenti fis-setturi kollha huma meħtieġa fuq terminu ta' żmien qasir sabiex jintlaħqu l-miri nazzjonali tal-enerġija rinnovabbli u tal-effiċjenza enerġetika tal-2020. I-finanzjament għar-R&Ż jew il-miżuri ta' appoġġ jiġu implimentati biex jiġu żviluppatti teknoloġji ġodda / imtejba li jindirizzaw l-ambjent u t-tibdil fil-klima. Il-prezz soċjali u ambjentali tal-isplużjoni fil-qasam tad-djar jeħtieġ monitoraġġ aktar mill-qrib. Il-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari jenħtieġ li jiġu applikati għar-rimi tal-iskart tal-kostruzzjoni biex jiġi limitat l-impatt ambjentali tiegħu. Il-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tad-djar jenħtieġ li jingħataw attenzjoni.
- (13) Ir-rata tal-impjiegi f'Malta, li issa hija aktar mill-medja tal-Unjoni, għadha qed tiżdied. Enfasi speċjali f'dan ir-rigward tista' tkun ta' benefiċċju għall-persuni b'diżabilità. Id-diskrepanza fl-impjiegi bejn l-irġiel u n-nisa għadha l-akbar waħda fl-Unjoni u l-parteciċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol tonqos wara li jagħlqu 40 sena, l-aktar minħabba responsabbiltajiet ta' indukrar. Aktar sostenn fis-suq tax-xogħol għall-persuni qiegħda li jindukraw b'mod informali jista' jindirizza din il-lakuna. Id-dipendenza li dejjem qed tikber fuq il-ħaddiema barrani biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet toħloq sfidi soċjali u ta' sostenibbiltà. L-inizjattivi ta' politika fl-oqsma tas-suq tax-xogħol, tal-ħiliet u tal-inklużjoni soċjali jistgħu jibbenefikaw minn monitoraġġ u evalwazzjoni aħjar.

- (14) Malta tinvesti ammonti relattivament għoljin fl-edukazzjoni u t-taħriġ; u, filwaqt li żdiedu l-parteċipazzjoni u l-livell ta' kisba ġenerali, dan mhuwiex rifless friżultati aħjar għal kulħadd. L-istrateġija tal-investment tibbenefika jekk issir aktar enfasi biex jiġi kkoreġut l-iżvantaġġ soċjali, sabiex tkun konformi mal-prinċipju tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali dwar l-edukazzjoni inklużiva u ta' kwalità. Il-miżuri meħuda matul dawn l-aħħar għaxar snin wasslu għal tnaqqis fit-tluq bikri mill-iskola, iżda r-rata għadha waħda mill-ogħla fl-Unjoni. Miżuri riċenti jfittxu wkoll li jtejbu l-inklużività fl-edukazzjoni terzjarja, iżda f'dan il-livell għadha taħt il-medja tal-Unjoni u twassal għal sfidi marbutin mal-ħiliet. Il-parteċipazzjoni fit-tagħlim għall-adulti qed tiżdied iżda għadha baxxa għal dawk b'ħiliet baxxi u mhux attivi.
- (15) Il-ġlieda kontra l-ippjanar aggressiv tat-taxxa hija essenzjali biex is-sistemi tat-taxxa jsiru aktar effiċjenti u ġusti, kif rikonoxxut fir-Rakkomandazzjoni tal-2019 għaż-żona tal-euro. L-effetti sekondarji tal-istrateġiji ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa mill-kontribwenti bejn l-Istati Membri jirrikjedu azzjoni kkoordinata ta' politiki nazzjonali biex jikkomplementaw il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Malta ħadet miżuri kontra l-ippjanar aggressiv tat-taxxa, iżda l-livell għoli tal-pagamenti ta' dividendi u ta' royalties bħala perċentwal tal-PDG jindika li r-regoli tat-taxxa ta' Malta jistgħu jintużaw minn kumpaniji li jieħdu sehem fl-ippjanar aggressiv tat-taxxa. In-nuqqas ta' taxxi minn ras il-ġħajn fuq il-pagamenti diretti 'l barra (jiġifieri minn residenti tal-Unjoni għal residenti ta' pajjiż terz) ta' dividendi, interessi u royalties magħmula minn kumpaniji bbażati f'Malta jistgħu jwasslu għal sitwazzjoni fejn dawn il-pagamenti jaħarbu t-taxxa għal kollox, jekk ma jkunux ukoll soġġetti għat-taxxa fil-pajjiż destinatariju. Filwaqt li s-sistema ta' Tnaqqis ta' Mgħax Nozzjonali ta' Malta tgħin biex titnaqqas id-distorsjoni favur id-dejn fuq l-ekwità, ir-regoli kontra l-abbuż tal-iskema flimkien ma' rata tajba u sistema bbażata fuq l-istokk kollu ta' ekwità, jirrikjedu monitoraġġ mill-qrib biex jiġi evitat kull użu ħażin ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa. Minkejja li l-Programm għal Investituri Individwali ta' Malta u l-Programm ta' Residenza u Viża ta' Malta ma jagħtux b'mod awtomatiku residenza għal finijiet ta' taxxa, l-introjtu jista', jekk jiġu ssodisfati ċerti rekwiżiti, jiġi eżentat skont ir-reġim tan- 'nondom' mingħajr rekwiżiti sostanzjali ta' preżenza fiżika, sakemm ma jiġix rimess introjtu f'Malta. Dawn jistgħu jiffaċilitaw prattiki ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa, u mill-OECD ġew elenkati li potenzjalment għandhom ir-riskju għoli li jiġu użati ħażin biex jiġi evitat l-iskambju awtomatiku tal-kontijiet finanzjarji.

- (16) L-iprogrammar tal-fondi tal-Unjoni għall-perjodu 2021-2027 jista' jgħin biex jiġu indirizzati xi wħud mil-lakuni identifikati fir-rakkomandazzjonijiet, b'mod partikolari fl-oqsma koperti mill-Anness D tar-rapport tal-2019 tal-pajjiż. Dan jippermetti li Malta tagħmel l-aqwa użu minn dawn il-fondi fir-rigward tas-setturi identifikati.
- (17) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2019, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika ta' Malta u ppubblikatha fir-rapport tal-pajjiż għall-2019. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà tal-2019, il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2019 u s-segwitu li ngħataw ir-rakkomandazzjonijiet indirizzati lil Malta fis-snin preċedenti. Il-Kummissjoni mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għal politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli f'Malta imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri.
- (18) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà għall-2019 u huwa tal-opinjoni⁷ li Malta hija mistennija tikkonforma mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li Malta tieħu azzjoni fl-2019 u fl-2020 biex:

1. Tiżgura s-sostenibbiltà fiskali tas-sistemi tal-kura tas-saħħa u tal-pensjonijiet, inkluż billi tillimita l-irtirar bikri u taġġusta l-età statutorja tal-irtirar minħabba li huwa mistenni li l-istennija tal-għomor tiżdied.
1. Tindirizza l-karatteristiċi fis-sistema tat-taxxa li jistgħu jiffaċilitaw ippjanar aggressiv tat-taxxa minn individwi u kumpaniji multinazzjonali, b'mod partikolari permezz ta' pagamenti diretti 'l barra mill-pajjiż. Issaħħaħ il-qafas globali ta' governanza, inkluż billi tkompli l-isforzi biex tinkixef il-korruzzjoni u jinfetħu kawżi għall-każijiet ta' korruzzjoni. Tkompli bil-progress li qed isir dwar it-tisħiħ tal-qafas kontra l-ħasil tal-flus, b'mod partikolari rigward l-infurzar. Issaħħaħ l-indipendenza tal-ġudikatura, b'mod partikolari s-salvagwardji għall-ħatriet ġudizzjarji u għas-sensji, u tistabbilixxi servizz ta' prosekuzzjoni separat.

⁷ Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

1. Tiffoka l-politika ekonomika, marbuta mal-investment, fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni, il-ġestjoni tar-riżorsi naturali, l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi u tal-enerġija, it-trasport sostenibbli, it-tnaqqis tal-konġestjoni tat-traffiku kif ukoll l-edukazzjoni u t-taħriġ inklużivi.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
